# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru 50**

**Citaz. numru 579/83 DS**

John Bugeja f'ismu proprju u kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' rapprezentant ta' bintu minuri Anna Bugeja u kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' kap u amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tezisti bejnu u bejn martu Mary Bugeja u l-istess Mary Bugeja
vs
Carmelo Spiteri

Illum, 30 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Mejju 1983 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fis-26 ta' Gunju 1982, waqt illi l-attrici Mary Bugeja flimkien ma binha minuri Anne Bugeja kienu qeghdin ma persuna ohra bilqeghda fuq cint f'parti

mill-Coast Road li tigi qrib is-Salina Bay Hotel f'bahar ic-cahaq, baqghet diehla go fihom karrozza Cortina li ghandha n-numru tar-Registrazzjoni S-6509 li kienet misjuqa mill-konvenut;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident li gara unikament bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut, l-atturi sofrew danni ngenti kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tant illi l-attrici Mary Bugeja u kif ukoll binta minuri Anna Bugeja kellhom jigu rikoverati fl-Isptar San Luqa u dan ghal xi zmien u sallum l-attrici Maru Bugeja ghadha ssofri minn disabilita fisika li hi ta' natura permanenti;

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fis-26 ta' Gunju 1982 u r-rizultat ta' liema incident l-atturi sofrew danni;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat ta' dan l-incident;

3. tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju 1983, kontra l-konvenut li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-ewwel domanda ghandha tigi michuda peress li l-incident awtomobbilistiku in kwistjoni ma garax tort tieghu;

2. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati di fronti tal-eccipjent.

3. Illi jkompli jsegwi li m'hemmx x'jigi l-eccipjent kundannat ihallas.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Frar 1984 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Mejju 1985, wara rikors ta’ l-imsemmi perit legali, fejn gie nominat l-Professur Victor Griffiths bhala espert mediku;

Rat ir-relazzjoni taghhom debitament mahluf fl-20 ta’ Jannar 1995;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Ottubru 1995 fejn gew nominati bhala periti addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Galea Debono, l-Avukat Dottor Joseph M. Ciappara, l-Avukat Dottor Marco Griscti, il-kirurgu Charles Griscti, il-kirurgu Carmel Apap Bologna u l-kirurgu Carmel Sciberras;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Ottubru 1998 fejn gie revokat *contrario imperio* d-digriet imsemmi b’dan li l-periti addizzjonali kellhom ikunu biss l-Avukat Dottor Joe Galea Debono, il-kirurgu Charles Grixti u l-kirurgu Carmel Apap Bologna;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmijin tliet periti addizzjonali debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti, u senjatament in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fis-26 ta’ Gunju 1982 fis-Salina Coast Road vicin l-entratura antika tas-Salina Bay Hotel, illum maghrufa bhala Coastline Hotel. L-attrici u bintha kienu flimken ma’ Pawlina Borg bilqieghda fuq cint daharhom lejn il-bahar meta f’salt minnhom tfacca l-konvenut gej isuq mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar li baqa’ diehel fihom u tajjarhom.

It-triq fejn gara l-incident hija wiesa’, fil-wita u miksija bit-*tarmac*. Ghandha kurva lejn il-lemin ghal min ikun gej minn San Pawl il-Bahar u max-xellug m’hemmx bankina. Din il-parti hija vizibbli minn distanza pjuttost twila ghal min ikun gej mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar u stante l-wisa’ tat-triq m’hemmx lok li wiehed isuq razenti l-hajt.

M’hemm l-ebda dubju li l-attrici u z-zewg persuni l-ohra ma kkontribwew bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni u l-konvenut stess fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu jghid li *“xi nies kienu fuq ic-cint ghall-affari taghhom”*. Difatti l-konvenut jattribwixxi l-incident ghall-forza magguri u jirreferi ghalih bhala wiehed *“sfortunat”* u li kien rizultat ta’ *casus* li kien lil hinn mill-kontroll tieghu.

Kemm l-ewwel perit legali kif ukoll il-perit legali addizzjonali kkunsidraw fid-dettall il-punti ta' dritt u ta' fatt relevanti ghat-tezi tal-konvenut u, inter alia, irreferew ghall-gurisprudenza taghna li tghid li biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhuwiex bizzejjed **avveniment insolitu** li jkun kawzat mill-forzi tan-natura minghajr il-konkors tal-fatt tal-bniedem, imma huwa mehtieg ukoll li jkun **inevitabbli**, cioe` li ma jistax jigi evitat bl-ezercizzju tad-diligenza ordinarja ta' *bonus paterfamilias*. It-tnejn ikkonkludew li l-eccezzjoni tal-konvenut f'dar-rigward ma tistax tigi akkolta.

L-ewwel perit legali jsemmi zewg cirkostanzi li jimmilitaw kontra l-eccezzjoni in kwistjoni:

"L-ewwel wahda tikkonsisti fil-fatt li **l-konvenut ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' kif splodietlu r-rota**. Mhux biss ighid li ma sema' l-ebda hoss qabel ma kisirlu l-i*steering wheel*, izda ma ressaq l-ebda prova li r-rota kienet f'kondizzjoni tajba, u lanqas kien kategoriku li r-rota ma nizlitx wara li l-karrozza tieghu laqtet ic-cint. It-tieni cirkostanza tirreferi ghall-verzjoni tal-konvenut dwar fejn kien meta hass il-gibda tal-i*steering wheel* l-ewwel darba. L-esponenti jara certa inverosimiljanza fil-verzjoni tal-konvenut, u jasal biex jemmen li l-attrici u z-zewg persuni li kienu maghha, sfaw imkaxkrin mill-vettura (u mhux biss imbuttati 'l isfel mic-cint) certa distanza sakemm, meta l-vettura waqfet kif muri fl-iskizz, waqghu fil-blata tat-turgien fejn sabhom John Bugeja. Cirkostanza rilevanti dwar din il-fehma tohrog mid-deskrizzjoni tal-griehi li garrbet l-attrici Pawla Borg, li, ta' min wiehed ifakkar, kienet bilqeghda fuq in-naha tax-xelug ta' Mary Bugeja. Minbarra dan, ma jistax ikun li l-vettura tal-konvenut intlaqtet mis-sinistru lamentat propju fil-post fejn indika l-konvenut u waqfet kif waqfet mac-cint, meta l-konvenut stess xehed (Par. 37, *ante*) li pprova japplika l-*brakes* u jissara mal-i*steering*. Biex jaghmel hekk, bilfors li l-karrozza riedet tkun lahqet imxiet certa distanza;

Illi, fuq kollox, il-versjoni ta' Mary Bugeja li rat il-vettura riesqa fuqha, specjalment mehuda in konsiderazzjoni l-konfigurazzjoni tat-triq f'dak it-tratt (ara par. 42, *ante* ), tikkonvinci lill-esponenti li jirravista certa aljenazzjoni min-naha tal-konvenut li ma segwiex l-andatura tal-liwja u baqa' hiereg ghad-dritt minn gol-karreggjata.

Fid-dawl ta' dak li gie ccitat mit-Terrell (ara Par. 57, *ante* ), mhux mehtieg li l-prova tan-negligenza da parti tal-attur tkun assoluta, bizzejjed tkun *prima facie*. U lanqas ma trid bilfors tirrizulta minn dak li jghid l-attur innifsu, ghax ikun soddisfacenti jekk dan in-nuqqas tal-konvenut jirrizulta minn ghejjun ohra tal-provi jew mill-assjem shih tal-provi. Fl-umli opinjoni tal-esponeneti, dawn

iz-zewg fatturi jirradikaw l-azzjoni attrici, jekk mhux fuq traskuragni, almenu fuq negligenza."

Fir-relazzjoni tal-periti addizzjonali mbaghad jinghad li l-fatt li karrozza titlaq il-perkors normali u mistenni taghha u tohrog tangenzjalment mill-karreggjata u tibqa' diehla fil-hajt tal-genb hu wiehed li jirrikjedi spjegazzjoni mis-sewwieq u li fl-assenza ta' tali spjegazzjoni attendibbli – u mhux biss kongetturali – jitfa' l-ombra tal-htija u tar-responsabbilta` fuq is-sewwieq. Ghalhekk f'dan il-kaz jinkombi lill-konvenut li jaghti spjegazzjoni ragonevoli ghall-akkadut u li tali spjegazzjoni tigi sorretta minn provi serji u attendibbli. Imbaghad isiru dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Issa l-ispjegazzjoni li pprova jaghti l-konvenut hija li hu tilef il-kontroll ta' vettura ghax infaqghalu t-tyre ta' quddiem tax-xellug. Fix-xhieda tieghu hu spjega li waqt li kien isuq b'velocita' ta' bejn 30 u 35 m.f.s., hass l-i*steering wheel* jigbed f'daqqa u pprova jissara mieghu u jwaqqaf. Ma sehhlux u spicca gol-hajt tax-xellug tieghu, fuq liema cint kienu bilqeghda xi nies. X'hin hareg mill-karrozza, sab ir-rota ta' quddiem imnizzla. Ma semax hsejjes qabel ma hass l-i*steering wheel* jigbed. Waqaf xi tul ta' karrozza 'l boghod minn fejn kien beda jhoss l-i*steering wheel* jigbed. Kien isuq xi zewg metri u nofs 'il barra mic-cint b'idejh it-tnejn fuq l-i*steering wheel*. Ghalkemm issara mieghu, l-i*steering wheel* ma riedx idur u baqa' jigbdu sakemm dahal gon-nies u fil-hajt. Qal li ma lahaqx ghafas il-brake u lanqas ma ra n-nies li kien hemm fuq ic-cint ghax kien id-dlam.

Carmelo Micallef li xi jumejn wara gie mqabbad mill-employer il-konvenut biex jiehu t-tyre ghand vulcaniser, xehed li minn barra, ir-rota kienet tidher qiesha <u>puncture normali</u>.

Il-konvenut in kontro-ezami pero' xehed ukoll:-

"Ma neskludix li t-tyre seta' infaqa' wara li hbatt mac-cint; nghid li nfaqa' qabel, <u>mhux ghax smajtu</u> waqt li kont qed insuq, izda ghax l-effett ta' x'ghamel l-i*steering wheel* assocjajtu mal-puncture li sibt wara li nzilt mill-karrozza."

Hemm mbaghad diskrepanza bejn il-versjoni tal-konvenut u tax-xhud Carmelo Micallef ghax fil-waqt li ta' l-ewwel jghid li Micallef kien wasslu ghand il-vulcaniser bir-rota b'kollox, Micallef xehed li l-konvenut kien tah rota u hu hadhielu ghand il-vulcaniser. Ukoll fil-waqt li Micallef jghid li l-konvenut kien tah ir-rota id-dar, il-konvenut jghid li Micallef wasslu minn ghand il-panel beater ghall-ghand il-vulcaniser bir-rota.

Illi la giet esebita ir-rota bit-tyre in kwistjoni, biex jigi accertat x'tip ta' puncture kien, u lanqas ingab bhala xhud il-vulcaniser li suppost sewwa dan il-puncture biex jispjega x'tip ta' hsara kellu t-tyre minnu msewwi. Kieku sar dan, it-tezi tal-konvenut dwar it-tyre setghet tigi verifikata ahjar u forsi assodata xi ftit.

Illi hu risaput li hemm zewg tipi ta' tyre failure. L-ewwel hemm dak ta' blow out fejn tyre jinfaqa' f'daqqa u tohrog l-arja minnu f'kolp wiehed. Dan jista' jkun assocjat jew ma ticrit tat-tyre jew spluzzjoni tal-istess tyre f'kaz ta' tubeless tyre, jew inkella ma spluzzjoni tat-tubu, fejn tyre ikollu l-inner tube. Dan il-fenomenu jipproduci harba ta' arja kompressata f'daqqa minn spazju ristrett u normalment hu assocjat ma hoss li x'aktarx ikun qawwi u facilment udibbli minn persuni li jkunu vicin u mid-driver li jkun fil-vettura. Hemm imbaghad dak li jissejjah *slow puncture*, fejn wara li jinfaqa' jew jigi danneggjat it-tyre ta' barra minn xi haga ippuntata, f'kaz ta' tubeless tyre, jew jigi penetrat l-inner tube f'kaz ta' tyre bit-tubu, tibda hierga l-arja bil-mod il-mod u, wara certu hin u certa distanza it-tyre jinzel ghal kollox. Hawn mhux normali li jkun hemm hoss qawwi, imma pjuttost *hissing sound* baxx u intermittenti li ma jinstemax mill-boghod u facilment ma jigix notat mill-ewwel.

Illi fil-kaz in ezami, hadd ma semma sparatura, la l-vittmi li ntlaqtu mill-konvenut u lanqas l-istess konvenut li kien fil-vettura u allura, kieku kien hemm spluzjoni, suppost li semaghha, jekk jitwemmen Carmelo Micallef li qal li minn barra t-tyre kien juri sinjali ta' puncture normali, ma jidhirx li seta' sploda t-tyre ta' barra ghax kieku dan kien ikun jidher imcarrat jew addirittura splodut – li ma jidhirx li hu l-kaz. Ghalhekk, jekk it-tyre kien infaqa' qabel it-habta, il-probabilita' kienet li dan kien *slow puncture* u ma hemmx evidenza ta' *blow out* li allura seta' jikkaguna emergenza subitanea ghall-konvenut u li forsi setghet tezonerah mir-responsabilita'. Jekk invece, it-tyre kellu *slow puncture,* dan suppost li kien beda jinhass fil-mixi u driver tajjeb ma jdumx ma jinduna li ghandu xi haga hazina ghax jibda jhoss il-*car* tigbed ftit lejn naha jew ohra. Dan il-gbid ghall-ewwel ma jkunx pronunzjat izda jibda jinhass ftit, ftit u jaghti sinjal lid-driver li *something is amiss* u allura hu mistenni li jieqaf u jara x'ghandu u mhux ikompli jipprocedi sakemm umbaghad il-pressjoni fit-tyre tant titbaxxa li jkun difficli li wiehed jikkontrolla il-*car* f'xi liwja.

Ladarba il-konvenut ma ppruvax li t-tyre verament kien sparalu u lanqas biss seta' jeskludi li dan infaqa' wara li n-naha ta' quddiem tax-xellug habat mall-hajt, ma jistax jinghad li l-konvenut li qed jallega il-*casus* ipprova li dak li gara kien inevitabbli, kif suppost li jaghmel skond il-gurisprudenza accettata mill-Qrati taghna. Zgur li ma jirrizultax pero' li t-tyre spara hekk kif il- *car* tal-konvenut kienet waslet mat-tlitt nisa, ghax Mary Bugeja rat il-*car* gejja fid-direzzjoni taghhom minn certa distanza u jidher li l-konvenut ghal xi raguni inspjegabbli, kien diga' beda jsuq 'il barra tangenzjalment u johrog

mill-karreggjata. Dan jista' jigri anki jekk momentarjament wiehed jiddistrahi ruhu ghax il-*car* f'liwja lejn il-lemin, ghandha it-tendenza spinta mill-forza centrifuga li tohrog lejn ix-xellug.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-esponent perit legali jhoss li giet pruvata il-kawzali tan-negligenza fil-konfront tal-konvenut u li dan ma pprovax l-eccezjoni tal-*casus* u ghalhekk ghandu jirrispondi ghad-danni derivanti mill-incident"

Il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet huma ezawrjenti, tikkondividihom u taqbel li l-eccezzjoni tal-*casus* ma tistax tigi milqugha u li ghalhekk il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-akkadut u ghad-danni konsegwenzjali. Hawn mhijiex kwistjoni ta' doza ta' *"hasra"* kif jissottometti l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu tat-2 ta' Gunju 2000. L-atturi ppruvaw soddisfacentement li huma ma kellhomx l-icken ombra ta' kontributorjeta` ghall-incident u li kien il-konvenut li baqa' diehel fuqhom. Kien il-konvenut li eccepixxa l-*casus*, li ghalhekk kellu l-obbligu li jipprova l-allegazzjoni tieghu, u li ma rnexxilux jipprovaha.

*Damnum Emergens*

Il-periti llikwidaw dawn id-danni fl-ammont ta' Lm1512.35. Il-Qorti ma ssibx li ghandha tvarja mill-konkluzjoni taghhom peress li gew konfermati u korroborati u huma ragonevoli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

*Lucrum Cessans*

Jirrizulta li l-ewwel perit mediku stabilixxa grad ta' dizabilita` li sofriet l-attrici Mary Bugeja f'persentagg ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Il-periti medici addizzjonali rrevedew dan il-persentagg u stabbilew li din l-attrici qed issofri minn dizabilita` permanenti ta' hmistax fil-mija (15%). In vista tal-fatt li l-periti medici addizzjonali ezaminaw l-attrici diversi snin wara li kien ezaminaha l-ewwel perit mediku, u allura setghu jidentifikaw b'aktar precizjoni l-izvilupp ta' l-*injuries* li hija sofriet, il-Qorti taqbel li huwa dan l-ahhar persentagg li ghandu jigi kkunsidrat ghall-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*.

L-attrici hija mara tad-dar. Bis-sahha ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 1971 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Settembru 1973 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Zammit pro et noe et vs George Bezzina et noe**, gie rikonoxxut ghall-ewwel darba d-dritt tal-mara tad-dar ghal *lucrum cessans*. Huwa dritt li baqa' jigi kkonfermat f'diversi sentenzi sussegwenti (per ezempju **Nazzareno Apap pro et noe et vs Francis Degiorgio**, Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Jannar 1984;

**Elizabeth sive Alice Grech et vs Mario Briffa**, Prim'Awla, 21 ta' Frar 1997; **Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit**, Prim'Awla, 22 ta' Marzu 1999). Ix-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika m'ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel u ghalhekk ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jissuggerixxu, ghal diversi ragunijiet, li l-Qorti ghandha tiehu bhala bazi ghall-kalkolu tal-*lucrum cessans* figura oghla mill-paga minima nazzjonali. Il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma peress li l-kalkolu li trid taghmel ghandu jkun marbut ma' qliegh attwali jew potenzjali u bazat fuq in-natura tax-xoghol jew impjieg tal-persuna koncernata. Fil-kaz in ezami si tratta ta' mara tad-dar li ma wrietx li kellha xi introjtu derivanti minn xi xoghol jew negozju. Mill-banda l-ohra persentagg ta' dizabilita` kien ifisser ghaliha dipendenza aktar fuq haddiehor u allura l-htiega ta' nfieq aktar. Iz-zieda progressiva fl-gholi tal-hajja u allura z-zieda fl-ispejjez kif ukoll it-tnaqqis fil-*purchasing power* tal-flus jaghmel tajjeb ghalih il-fatt li fil-kalkoli taghha l-Qorti mhijiex se tadopera l-paga minima nazzjonali vigenti meta sehh l-incident. Il-perit legali addizzjonali adopera l-ammont ta' Lm3,000 fis-sena bhala paga minima medja. Dik vigenti llum hija ta' Lm49.88 fil-gimgha skond l-Avviz Legali numru 265/2000, ossia Lm2593.76 (arrotondat ghal Lm2594) fis-sena. Il-Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija, minhabba dak li se jigi sottomess aktar 'l isfel dwar l-imghax u anke in vista tal-*multiplier* li ser jintuza, taqbel li huwa gust li tadopera l-figura ta' Lm3,000 stabbilita mill-perit legali, tenut kont ukoll tan-natura ta' dizabilita` ta' l-attrici.

L-attrici kellha sebgha u ghoxrin sena meta gara l-incident, jigifieri llum ghandha sitta u erbghin sena sena. Il-Qorti jidhrilha li huwa gust li fic-cirkostanzi jigi adottat *multiplier* ta' tletin sena bhalma ssuggerixxa l-perit legali addizzjonali.

Ghalhekk il-*lucrum cessans* irid jinhadem hekk:

Lm3,000 x 30 = Lm90,000
15% x Lm90,000 = Lm13,500.

Ghal dak li hu t-tnaqqis li solitament isir ghal *lump sum payment*, dan mhuwiex indikat f'dan il-kaz minhabba li l-incident sehh dsatax-il sena ilu u sabiex jaghmel tajjeb ghall-imghaxijiet li talvolta kienu jkunu percepibbli fuq l-ammont li seta' thallas *ab initio*, u tenut kont ukoll ta' dak li gie diga` espress, cioe` z-zidiet fl-gholi tal-hajja u t-tnaqqis fil-*purchasing power* tal-flus. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx ma' l-atturi li ghandha tvarja mill-principju stabbilit mill-Qrati taghna li *in illiquidis non fit mora*.

Ghaldaqstant is-somma komplessiva li ghandha tithallas mill-konvenut hija ta':

Lm1,512,35 + Lm13,500 = Lm14,812.35.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fis-26 ta' Gunju 1982 waqt li kien qed isuq il-karrozza numru S-6509 u li b'rizultat tieghu l-atturi sofrew danni,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm14,812.35, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm14,812.35 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**